Minuti tal-Laqgħa Nru. 27 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tnejn 7 ta' Awwissu 2017 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Lattrini Pubbliċi
5. Attivita Jum Ħal Luqa u Attivitajiet oħra
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti kienu approvatti, bħala proponent kien hemm il-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondat mill-Viċi Sindku Denise Cutajar.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-tabella ta fejn l-Iskola bil-ħinijiet peress li din kellha titressaq. Is-Segretarju qallu li din kienet tressqet.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm bżonn li niffriskaw iż-żebgħa speċjalment tal-Istop signs. Huwa qal ukoll li kien se jdur ma' Ħal Luqa biex jara fejn hemm tabelli li kellhom bżonn jinbidlu sabiex dawn jinbidlu. Huwa semma li fejn hemm l-OK Bar kien hemm bżonn li nagħmlu sinjali ta Slow fl-art. Il-Kunsillier Camilleri qal li hawn signs magħmulin jixgħelu. Is-Sindku qal li se jiċċekkja fuq dawn.

3.2 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm ammont ta' fondi allokati mir-Reġjun fuq tabelli u kien hemm bżonn li dawn nitolbu rifużjoni għalihom. Hija qalet li kien hemm xi skemi oħra minn naħa tar-Reġjun.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma fuq Triq Patri Damjan Taljana li kien hemm bżonn li jsiru sinjali tat-traffiku li jindikaw eżatt kif iridu jgħaddu l-karozzi minn hawn.

3.4 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Caruana fuq linja li saret quddiem garage fit-Triq tal-Maħżnier. Huwa qal li intervejna fuqha peress li l-affarijiet ma kinux saru kif kien qal lill-ħaddiema jagħmluhom.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma fuq parking bay partikulari li kellu reserved li kien hemm minn qed jabbuża minnu. Is-Sindku qallu li se jara fuqu.

3.6 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm bżonn li jiġi illostrat il-bieb ta' barra tal-uffiċċju l-antik u anki fejn kien hemm l-uffiċċju issa. Is-Sindku qal li l-aħjar xogħol jista jagħmlu John Mary Formosa u semma li kien se jkellmu fuq hekk.

3.7 Il-Viċi Sindku qalet li kienet ġiet avviċinata minn naħa tal-Girl Guides fejn qed jitolbu biex jibdew jużaw il-premises l-antik biex jiltaqgħu. Is-Sindku qal li huwa se jara kif inhi s-sitwazzjoni qabel u jkun jista jerġa jkellimha.

3.8 Is-Sindku qara email fuq inizjattiva ta' clean up fil-lokalita. Kien hemm proposta biex jiġu identifikati tlett bnadi differenti u dawn jitnaddfu mill-volontiera. Il-Kunsilliera issuġġerew biex jitnaddfu Triq Ħal Farruġ u parti minn fejn Triq il-Masġar.

3.9 Il-Kunsilliera Massa semmiet li fi Triq Dun Pawl u anki Triq San Ġużepp kien hemm minn kien qed joħroġ l-iskart mhux skont il-ġurnata. Hija qalet li jridu jitqassmu xi karti biex in-nies ikunu avżati. Il-Kunsilliera issuġġerrew biex jitqassmu karti Triq Dun Pawl, Triq ir-Rixtellu, Triq San Ġorġ, Triq Ġużeppi Penza u fejn Cape Residences.

3.10 Is-Sindku qara email fuq inizjattiva biex ikun WIFI fl-apert f' żoni miftuħin. Hawn kien hawn nota biex nissuġġerrixxu post u għalhekk ġie suġġerritt li dan isir f' Wesgħet Dun Joe Camilleri.

3.11 Is-Sindku semma li huwa kien qed jikkordina ġita għall Sqallija kif kien sar fis-snin ta' qabel għall aħħar t' Awwissu. Huwa qal li l-itinerarju din id-darba huwa differenti u diġà kien hemm xi nies li nkitbu. Huwa appella lill-Kunsilliera biex ixerdu l-kelma ħalli jkun hawn attendenza tajba.

## 4.0 LATTRINI PUBBLIĊI

4.1 Is-Sindku semma li fil-bidu tax-xahar kien beda l-kuntrattur il-ġdid dwar il-manutenzjoni u t-tindif tal-lattrina pubblika. Huwa appella lill-Kunsilliera biex jiċċekkjaw fuq l-istat dwar kif din tkun u jirrapurtaw jekk ikun hemm nuqqasijiet.

4.2 Filkaż tal-lattrina tal-Bandli li kienet trid tinbena, s-Sindku semma li kien kellem lil persuna li rebħet dan it-tender u x-xogħol tal-bini tagħha kien se jibda fil-bidu ta' Settembru.

## 5.0 ATTIVITA JUM ĦAL LUQA U ATTIVITAJIET OĦRA

5.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Camilleri biex jagħti briefing dwar l-attivita ta' Settembru. Il-Kunsillier Camilleri semma li din l-attivita fit-30 ta' Settembru kienet se tibda b' Quddiesa, Monument, is-serata, jsir diskors u jingħata salut. Il-Kunsilliera semmew ukoll jekk isir xi forma ta' reċiviment wara l-attivita.

5.2 Is-Sindku semma li rigward il-Monument l-aħjar jekk inkellmu lil Henry Galea biex dan jagħmel il-bażi tiegħu. Il-bqija tal-ismijiet li jridu jitniżżlu ngħadduhom lill-iskultur u dan jlestihom.

5.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li skont l-iscript din ippjanata li tibda fis-7.15pm. Is-serata se jkun fiha mużika u narrazzjoni ukoll.

5.4 Is-Sindku qara email li kienet ġejja minn naħa tal-Youth Centre fuq attività li kienu se jorganizzaw bħala serata. Is-Sindku semma li dawn kienu qed jiġbru l-fondi biex jagħmlu proġett u qed jitolbu l-assistenza tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li dawn jagħmlu stedina lill-Kunsill Lokali s-soltu fuq l-attivita.

5.5 Is-Sindku semma talba li kienet ġejja minn naħa tas-Summer School biex titella attività flimkien magħhom. Huma talbu biex jagħmlu session Zumba u jingħataw għajnuna mill-Kunsill. Is-Sindku semma biex ningħataw aktar dettal x' se jkun qed isir dakinhar. Il-Viċi Sindku spjegat aktar fit-tul x' kien se jiġri dakinhar. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

5.6 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu applikaw għall iskema tal-attivitajiet kulturali għat tlett snin li kienu ġejjin.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-ħlasijiet.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar it-Tnejn 7 t' Awwissu 2017 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2017.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv